MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 421/2007

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-tnejn (2) ta' Gunju elf disgha mija disgha u tmenin (1989) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb b' qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghhom tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb billi l-kunsens intrabat ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

6. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex tinholoq kunsens ghaz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19(1) (c) u/jew 19(1)(d) u 19 (1)(g) u/jew 19(1)(h).

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti u l-intimata huwa null u bla effett.

Rat li l-konvenuta debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f][g] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fit-2 ta’ Gunju 1989 meta allura l-attur kellu 27 sena u l-konvenuta kellha 17-il sena. Minn dan iz-zwieg twieldet tarbija fl-24 ta’ Awissu 1991; sussegwentement, wara circa erba snin il-konvenuta kellha tarbija ohra minn ragel iehor. Wara circa tlett [3] snin il-konvivenza matrimonjali ddeterjorat b’ tal-mod li l-partijiet kienu jghixu separatament, ghalkemm taht l-istess saqaf sakemm eventwalment iffirmaw is-separazzjoni konsenswali.

Illi in sostanza l-attur jghid li l-inkwiet matrimonjali kien beda wara sena miz-zwieg; u li matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenuta kellha “hafna relazzjonijiet ma’ rgiel ohra.” u di fatti kellha anke tarbija minn ragel iehor. Huwa jghid li hija dejjem kienet passiva fir-relazzjonijiet intimi, u dawn dejjem kienu jsiru fuq inizjattiva tieghu. Jghid li wara t-twelid tat-tifla taghhom, l-konvenuta kienet bierda u riluttanti ghall-att taz-zwieg.

Illi l-konvenuta minn naha taghha tghid li, hija ma rieditx tizzewweg lill-attur, u di fatti xi sentejn qabel iz-zwieg hija riedet twaqqaf ir-relazzjoni taghha mieghu; izda huwa kien ghamlilha hafna pressjoni u eventwalment hi kienet accettat li tkompli bir-relazzjoni ghax thassritu.

Hija tghid li, filwaqt li l-attur kien jahdem hafna, hija kienet tispicca waheda d-dar tghix fil-garaxx tad-dar fejn il-partijiet kienu ghadhom qed joqghodu. Tilmenta mill-fatt li kienet tkun hafna waheda. Eventwalment wara xi sentejn u nofs miz-zwieg hija kienet qabdet relazzjoni ma’ ragel iehor. Sussegwentement kellha tarbija minnu; izda l-partijiet xorta wahda baqghu jghixu that l-istess saqaf,

ghalkemm separatament. Il-konvenuta tghid li zewgha kien riluttanti ghall-att taz-zwieg u kien jigi mix-xoghol dejjem ghajjien. Huwa kien jahdem fix-xoghol tal-gebel.

Fix-xhieda taghha l-konvenuta tammetti li meta zzewwget lill-attur hija ma kienitx verament thobbu bhala r-ragel taghha. Tghid li qatt ma kellhom x' jaqsmu sesswalment qabel iz-zwieg, u, wara z-zwieg, "meta gejt biex ikolli x' naqsam mieghu, kont inhossni qisni ghandi habib." u ghalhekk tghid li l-problemi "ma tantx damu biex bdew wara z-zwieg."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1], fil-konfront tal-konvenuta. Jirrizulta ghal din il-Qorti, li semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, li meta l-konvenuta accettat li tizzewweg lill-attur hija kienet ghadha mmatura wisq u ma gharrfitx jew ahjar ma apprezzatx l-obbligi tal-hajja konjugali, u senjatament dak tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-benessere reciproku, it-trobbija u l-prokreazzjoni tat-tfal, kif ukoll dak tal-fedelta' fiz-zwieg.

Dan jimmanifesta ruhhu minn diversi cirkostanzi, fosthom dik li, ghax hassitha waheda d-dar waqt li l-attur kien ikun ghax-xoghol, hija, wara sentejn u nofs mid-data taz-zwieg, dahlet f' relazzjoni extra matrimojali, u sussegwentement anke kellha tarbija minn ragel iehor.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Gunju 1989.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------